MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Numru 538/2008

Il-Pulizija
(Spettur Nezren Grixti)

vs

Joseph Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 426562(M), akkuzat talli:

1. nhar it-22 ta' Mejju 2008 ghal habta tat-8p.m. gewwa Garage b'numru 24, Triq Doni Street Rabat ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Paul Azzopardi 51 sena minn gewwa r-Rabat, ID 99557(M) u dan skond kif iccertifikaw Dr. G. Busuttil MD, Dr. F. Azzopardi MF u Dr. G. Scriha MD u dan ai termini tal-Artikolu 216 (1) tal-Kap 9;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghall-istess persuna immsemmija sabiex jingurjha, iddejaqha jew jaghmel xi hsara u dan bi ksur tal-artikoli 339(d) tal-Kap 9;
3. fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9.

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Paul Azzopardi sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati hawn fuq addebitati, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi iffissatha kif jidhrilha xieraq l-Onorabbli Qorti u dan ai terminu tal-Artikolu 383 (1), (2), (3) tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

Ghall-akkuzi li jittrattaw l-ferita gravi, l-hebb u l-ksur tal-bon ordni, l-akkuzat irregistra ammissjoni li hi wahda volontarja u inkondizjonata.

Mill-istqarrija tieghu, li tinsab esebita, jirrizulta li l-incident in meritu qam bejnu u huh dwar il-wirt tal-omm.

Konsiderati c-cirkostanzi kollha l-Qorti fil-waqt li ssib lill-akkuzat hati tal-akkuzi kollha skond l-akkuza, wara li rat l-Artikolu 216(1), 339(d), 338(dd), 17 u tiddikjara t-tieni akkuza assorbita fl-ewwel, tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sena mil-lum.

Mhiex qeghda tapplika kontra l-akkuzat l-Artikolu 533 tal-Kap 9 f'dan l-istadju.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat ir-responsabiltajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------